DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1895

tas-7 ta' Novembru 2019

li tirrikonoxxi diversi gżejjer tal-Portugall bħala ħielsa mill-varrooża u li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/503/UE

(notifikata bid-dokument C(2019) 7905)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 92/65/KEE jipprevedi li meta jikkonsidra li t-territorju tiegħu jew parti mit-territorju tiegħu ikun ħieles minn waħda mill-mardiet imniżżla fl-Anness B tagħha, irid jippreżenta d-dokumentazzjoni x-xierqa lill-Kummissjoni li abbażi tagħha tiġi adottata Deċiżjoni li tirrikonoxxi lil dak l-Istat Membru jew parti mit-territorju tiegħu bħala ħielsa, u jrid jiddefinixxi l-garanziji addizzjonali għall-kummerċ li jistgħu jkunu meħtieġa.

(2) Fl-Anness B tad-Direttiva 92/65/KEE, il-varrooża fin-naħal tal-għasel hija elenkata bl-isem preċedenti tagħha ta' "varroaża" u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/503/UE [2] diġà rrikonoxxiet diversi territorji ta' Stati Membri bħala ħielsa minnha. Dawk it-territorji huma elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/503/UE, flimkien mal-garanziji addizzjonali għall-kummerċ.

(3) Il-Portugall talab lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-gżejjer ta' Corvo, Graciosa, São Jorge, Santa Maria, São Miguel u Terceira tal-Arċipelagu tal-Açores bħala ħielsa mill-varrooża, talab li l-garanziji addizzjonali għall-kummerċ jiġu ddefiniti b'mod li jikkorrispondu ma' dawk li huma implimentati nazzjonalment u ppreżenta d-dokumentazzjoni dettaljata x-xierqa ddefinita fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 92/65/KEE biex isostni t-talba tiegħu.

(4) Jenħtieġ li abbażi tad-dokumentazzjoni dettaljata li ppreżenta l-Portugall, il-gżejjer ta' Corvo, Graciosa, São Jorge, Santa Maria, São Miguel u Terceira jitqiesu bħala territorji tal-Portugall li huma ħielsa mill-varrooża u jiġu elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/503/UE, flimkien mal-garanżiji addizzjonali għall-kummerċ.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/503/UE tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/503/UE tal-11 ta' Ottubru 2013 li tirrikonoxxi partijiet tal-Unjoni bħala ħielsa mill-varroaża fin-naħal u li tistabbilixxi garanziji addizzjonali mitluba fil-kummerċ fl-Unjoni u fl-importazzjonijiet biex titħares il-qagħda ħielsa mill-varroaża tagħhom (ĠU L 273, 15.10.2013, p. 38).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-entrata ta' hawn taħt għandha tiddaħħal fit-tabella stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/503/UE, bejn l-entrata tal-Finlandja u dik tar-Renju Unit:

PT	Il-Portugall	Il-Gżira ta' Corvo	PT01300 FLORES (SANTA CRUZ)	In-naħal (*Apis mellifera*) f'kull stadju ta' ħajjithom, ukoll il-ferħ, l-irġejjen, il-kolonji u l-kaxxi tan-naħal u t-tilari użati
		Il-Gżira ta' Graciosa	PT05200 GRACIOSA (SANTA CRUZ DA GRACIOSA)	
		Il-Gżira ta' São Jorge	PT02700 SAO JORGE (VELAS)	
		Il-Gżira ta' Santa Maria	PT02500 SANTA MARIA (VILA DO PORTO)	
		Il-Gżira ta' São Miguel	PT02600 SAO MIGUEL (PONTA DELGADA)	
		Il-Gżira ta' Terceira	PT02800 TERCEIRA (ANGRA DO HEROISMO)	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni